# Artal fl-okkażjoni tal-100 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja

Illum inħarsu lejn l-altar bħala mejda tal-Mulej, bħala altar tas-sagrifiċċju tas-salib u bħala ċentru ta' ringrazzjament. B'mod dirett dwar l-artal naqraw: "L-Altar li fuqu jsir preżenti s-sagrifiċċju tas-salib taħt is-sinjali sagramentali, huwa wkoll il-mejda tal-Mulej, li għaliha jissejjaħ il-poplu ta' Alla biex jieħu sehem fil-Quddiesa; huwa ukoll iċ-ċentru ta' radd il-ħajr li jseħħ bl-Ewkaristija." (IGMR (2000) par. 296)

Imbagħad frott ta' dan il-ħsieb teoloġiku, l-istess daħla għall-Missal Ruman tgħidilna dan li ġej fuq il-bini u l-pożizzjoni ta' l-altar. L-altar għandu jkun fiċ-ċentru, li lejh għajnejn il-fidili weħidhom imorru, bla ebda sforz u li preferibilment il-mejda ta' l-altar fiss tkun tal-ġebel.

Id-daħla tar-rit tad-dedikazzjoni ta' l-altar tfakkarna fit-tifsira teoloġika ta' dawn l-indikazzjonijiet: "Ulied il-Knisja, skond iċ-ċirkustanzi, jistgħu dejjem jiċċelebraw it-tifkira ta' Kristu u jersqu lejn il-mejda tal-Mulej. Iżda jixraq lill-misteru ewkaristiku li l-insara jibnu altar fiss biex fuqu jiċċelebraw l-ikla tal-Mulej: dan dejjem sar sa mill-ewwel żminijiet.

Fil-knejjes kollha l-altar 'huwa ċ-ċentru tar-radd il-ħajr li jsir permezz ta' l-Ewkaristija': madwaru b'xi mod jew ieħor isiru ċ-ċerimonji tal-Knisja. Għaliex fuq l-altar issir it-tifkira tal-Mulej, u minn fuq l-altar jingħataw lill-fidili l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, ġara li l-kittieba tal-Knisja bdew jaraw fl-altar xbieha ta' Kristu, tant li bdew jingħad: L-altar hu Kristu'."



*Il-pjanta ta' l-artal il-ġdid ta' l-irħam iddisinjata minn Amadeo Galea. Ix-xogħol ta' l-irħam inħadem minn Galea Marbles tal-Mosta.*

*Dan l-artal ser ikun ikkonsagrat matul din is-sena, fl-okkażjoni tal-100 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja.*